Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2023/2042(INI)

14.4.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar ir-relazzjonijiet UE-Żvizzera
(2023/2042(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Lukas Mandl

Rapporteurs għal opinjoni (*):
Jörgen Warborn, Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
Hannes Heide, Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

(*) Kumitat(i) assoċjat(i) – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar ir-relazzjonijiet UE-Żvizzera
(2023/2042(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera[1], iffirmat fil-31 ta' Diċembru 1972,

– wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assigurazzjoni diretta għajr l-assigurazzjoni fuq il-ħajja[2],

– wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-simplifikazzjoni tal-kontrolli u tal-formalitajiet fir-rigward tat-trasport ta' oġġetti kif ukoll dwar miżuri doganali ta' sigurtà[3],

– wara li kkunsidra r-rifjut tal-Iżvizzera li taderixxi fiż-Żona Ekonomika Ewropea fl-1992,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill u, fir-rigward tal-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika, tal-Kummissjoni tal-4 ta' April 2002 dwar il-konklużjoni ta' seba' ftehimiet mal-Konfederazzjoni Żvizzera, magħrufa bħala l-"Ftehimiet Bilaterali I"[4],

– wara li kkunsidra d-disa' ftehimiet settorjali addizzjonali ffirmati fl-2004, magħrufa bħala l-"Ftehimiet Bilaterali II",

– wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar għarfien bejn xulxin rigward stima ta' konformità[5], li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002,

– wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002[6],

– wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ċerti aspetti ta' akkwisti tal-gvern[7],

– wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu

[1] ĠU L 300 31.12.1972, p. 189.
[2] ĠU L 205, 27.7.1991, p. 3.
[3] ĠU L 199 31.7.2009, p. 24.
[4] ĠU L 114, 30.4.2002.
[5] ĠU L 114 30.4.2002, p. 369.
[6] ĠU L 114 30.4.2002, p. 132.
[7] ĠU L 114 30.4.2002, p. 430.

tal-persuni[8],

– wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija fis-seħħ mill-2006,

– wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Eurojust u l-Iżvizzera tas-26 ta' Novembru 2008,

– wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera rigward kooperazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-liġijiet tagħhom tal-kompetizzjoni[9] tal-2014,

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-Programmi Ewropej tan-Navigazzjoni bis-Satellita[10],

– wara li kkunsidra l-Arranġament bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni tagħha fl-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ għall-Asil[11] iffirmat fl-10 ta' Ġunju 2014 u, irratifikat mill-Iżvizzera fl-1 ta' Marzu 2016,

– wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-UE u l-Iżvizzera dwar l-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2017, u li jiffaċilita notevolment il-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa,

– wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom, iffirmat fit-23 ta' Novembru 2017[12],

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Frar 2019 dwar ir-relazzjonijiet tal-UE mal-Konfederazzjoni Żvizzera,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill Federali Żvizzeru tas-26 ta' Mejju 2021 biex iġib fi tmiemhom in-negozjati dwar il-Qafas Istituzzjonali UE-Żvizzera,

– wara li kkunsidra l-adozzjoni min-naħa tal-Kunsill Federali Żvizzeru ta' sensiela ta' linji gwida għall-pakkett ta' negozjati tiegħu mal-UE fit-23 ta' Frar 2022,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Iżvizzera li żżid il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha għall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex),

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Marzu 2019 lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar il-Ftehim Qafas Istituzzjonali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera[13],

---

[8] ĠU L 114 30.4.2002, p. 6.
[9] ĠU L 347, 3.12.2014, p. 3.
[10] ĠU L 15, 20.1.2014, p. 3.
[11] ĠU L 65, 11.3.2016, p. 22.
[12] ĠU L 322, 7.12.2017, p. 3.
[13] ĠU C 108, 26.3.2021, p. 133.

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar in-negozjati għal sħubija ġdida mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq[14];

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili[15],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0000/2023),

A. billi l-UE u l-Iżvizzera huma alleati stretti u sħab ekonomiċi li jaqsmu flimkien l-istess fehma;

B. billi l-UE u l-Iżvizzera ilhom żmien twil f'relazzjonijiet imsejsa fuq valuri u għanijiet komuni ta' paċi u prosperità ekonomika;

C. billi l-Kunsill Federali Żvizzeru kkummissjona l-iżvilupp ta' ċifri kruċjali għal mandat għal negozjati mal-UE sal-aħħar ta' Ġunju 2023;

D. billi sal-lum l-UE u l-Iżvizzera kkonkludew aktar minn 120 ftehim bilaterali; billi ħafna minnhom għandhom jiġu aġġornati b'urġenza;

E. billi l-Iżvizzera ddeċidiet li ġġib fi tmiemhom in-negozjati dwar il-Qafas Istituzzjonali UE-Żvizzera; billi hemm bżonn soluzzjoni għar-relazzjonijiet futuri bejn l-UE u l-Iżvizzera;

F. billi l-Iżvizzera hija integrata fil-fond fis-suq uniku tal-UE; billi hemm bżonn li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku;

G. billi fl-Iżvizzera se jsiru l-elezzjonijiet ġenerali fit-22 ta' Ottubru 2023;

Politika estera u ta' sigurtà

1. Jisħaq fuq l-interess qawwi tal-UE li tikkoopera mal-Iżvizzera fil-qasam tal-paċi, is-sigurtà u d-difiża internazzjonali, b'mod partikolari bħala risposta għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fil-konfront tal-Ukrajna; jilqa' pożittivament il-fatt li l-Iżvizzera allinjat ruħha mas-sanzjonijiet tal-UE adottati f'dan il-kuntest u ddevjat mill-pożizzjoni tradizzjonalment newtrali tagħha;

2. Jilqa' pożittivament il-pożizzjoni simili tal-Iżvizzera meta mqabbla mal-politika estera u ta' sigurtà tal-UE; jilqa' favorevolment ukoll il-fatt li l-Iżvizzera ħabbret, f'Novembru 2021, li biħsiebha tipparteċipa fil-kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO);

[14] ĠU C 362, 8.9.2021, p. 90.
[15] ĠU L 347 20.12.2013, p. 924.

3. Jilqa’ b’sodisfazzjon il-fatt li l-Iżvizzera qiegħda tfittex kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-UE u man-NATO; jilqa’ pożittivament, f’dan ir-rigward, l-involviment tal-Iżvizzera fil-programm “Sħubija għall-Paċi”; iħeġġeġ lill-Iżvizzera tapprofondixxi l-kooperazzjoni tagħha mal-UE fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel u tad-difiża;

4. Josserva li l-allinjament tal-Iżvizzera mas-sanzjonijiet tal-UE fil-konfront tar-Russja jsegwi approċċ każ b’każ; jinkoraġġixxi lill-Iżvizzera tapplika l-miżuri restrittivi b’mod rigoruż u konsistenti u tipprevjeni ċ-ċirkomvenzjoni tagħhom; jinkoraġġixxi lill-Iżvizzera żżid il-qbid u l-konfiska tal-assi Russi;

Soċjetà u ġeopolitika

5. Jilqa’ pożittivament id-dikjarazzjoni politika wara l-Konferenza tal-Kantuni tal-24 ta’ Marzu 2023 favur relazzjonijiet mal-UE bbażati fuq it-trattati u il-valuri komuni; jilqa’ favorevolment ukoll il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fis-summits informali tal-Komunità Politika Ewropea;

6. Jirrikonoxxi l-kooperazzjoni UE-Żvizzera fil-qasam tal-migrazzjoni internazzjonali, inkluża l-ġestjoni tal-flussi u r-rilokazzjoni tar-rifuġjati; jieħu nota tan-numru kbir ta’ ħaddiema transfruntieri bejn l-UE u l-Iżvizzera;

7. Jiddispjaċih li l-Iżvizzera ma tissodisfax il-kundizzjonijiet biex tissieħeb fil-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili; jitlob sħubija futura mal-Iżvizzera f’dan il-kuntest;

Ekonomija u suq tax-xogħol

8. Ifakkar fir-relazzjonijiet, li ilhom żmien twil, bejn l-UE u l-Iżvizzera msejsa fuq valuri u għanijiet komuni ta’ paċi u prosperità ekonomika, kif ukoll fuq l-interdipendenza ekonomika tagħhom;

9. Jinsab imħasseb bl-implimentazzjoni inkonsistenti ta’ ċerti ftehimiet min-naħa tal-Iżvizzera u bl-adozzjoni sussegwenti tagħha ta’ miżuri u prattiki leġiżlattivi inkompatibbli ma’ dawk il-ftehimiet, b’mod partikolari mal-Ftefim dwar il-moviment liberu tal-persuni;

10. Josserva li jeħtieġ li jiġi rivedut numru kbir ta’ ftehimiet bilaterali bejn l-UE u l-Iżvizzera biex tiġi evitata l-iskadenza tagħhom, b’mod partikolari dawk maħsuba biex itejbu l-aċċess għas-suq Żvizzeru għall-operaturi ekonomiċi tal-UE, speċjalment fis-setturi tal-agrikoltura, tal-ikel u tas-servizzi;

11. Josserva li huwa fundamentali mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim, kif fundamentali hija wkoll soluzzjoni dwar kwistjonijiet istituzzjonali, bħall-politika ta’ koeżjoni; jenfasizza li ġuriżdizzjoni komuni bejn l-UE u l-Iżvizzera hija prerekwiżit għal suq komuni;

12. Iħeġġeġ lill-Iżvizzera tapplika, meta jkun il-każ, l-*acquis* tal-UE rilevanti, b’mod partikolari għal dak li għandu x’jaqsam mal-ħaddiema stazzjonati, u tadatta l-miżuri ta’ akkumpanjament applikabbli għall-operaturi ekonomiċi tal-UE li jfornu servizzi fit-territorju tagħha; jieħu nota tat-tħassib tal-Iżvizzera f’dan ir-rigward u jiġbed l-

attenzjoni għall-fatt li l-ex pajjiżi kandidati għall-adeżjoni mal-UE kellhom tħassib simili, u ma ssarrafx f'realtà;

Enerġija

13. Josserva bi tħassib li l-Iżvizzera ma sostnietx l-ispinta tal-UE lejn l-eliminazzjoni tal-protezzjonijiet għall-fjuwils fossili mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija (TKE);

14. Jisħaq li l-istabbiltà tal-grilja u s-sigurtà tal-provvista u tat-tranżitu jiddependu minn kooperazzjoni stretta bejn l-UE u l-Iżvizzera; jieħu nota tal-interkonnessjoni tal-grilji elettriċi Żvizzera, Ġermaniża u Franċiża; għadu mħasseb bil-fatt li l-esklużjoni tas-settur tal-enerġija Żvizzeru tinvolvi riskji sistemiċi għall-grilja sinkronika kollha tal-Ewropa kontinentali;

15. Jisħaq li għandhom jinstabu soluzzjonijiet għall-iskambju transfruntier tal-elettriku bil-għan li jippermetti kooperazzjoni stretta u kontinwa bejn l-UE u l-Iżvizzera;

Riċerka u żvilupp

16. Jisħaq fuq l-importanza tal-kooperazzjoni UE-Żvizzera fil-qasam tar-riċerka u żvilupp, b'hekk jitrawwem ir-rwol tal-Ewropa bħala attur protagonista fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni;

17. Itenni l-importanza tal-kooperazzjoni UE-Żvizzera fil-programmi tal-UE bħal Orizzont Ewropa, Ewropa Diġitali, Euratom, ITER u Erasmus+ u jfaħħar ir-riżultati eċċellenti li nkisbu s'issa fil-qasam tal-kooperazzjoni;

18. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill Federali Żvizzeru jagħmlu dak kollu possibbli biex jiżguraw li l-Iżvizzera terġa' tidħol f'Orizzont Ewropa; jistieden lill-Kunsill Federali Żvizzeru jadotta mandat għal negozjati rigward il-kwistjonijiet strutturali prinċipali, b'hekk jibgħat sinjal politiku ċar lill-UE;

Qafas istituzzjonali u kooperazzjoni

19. Jiddispjaċih bid-deċiżjoni tal-Kunsill Federali Żvizzeru li jġib fi tmiemhom in-negozjati dwar il-Qafas Istituzzjonali UE-Żvizzera f'Mejju 2021; jiddispjaċih bi kwalunkwe narrattiva skont liema l-UE taġixxi kontra l-interessi Żvizzeri; jisħaq li l-eventwali tieni falliment fin-negozjati ta' ftehim dwar ir-relazzjonijiet UE-Żvizzera jkun ta' ħsara kemm għall-UE kif ukoll għall-Iżvizzera u jirriskja li jdgħajjef ir-rwol politiku tagħhom;

20. Jisħaq li huwa fl-interess fundamentali taż-żewġ naħat li jinżammu relazzjonijiet tajbin, stabbli u ta' ġid għal xulxin fl-ambitu ta' relazzjoni modernizzata u permezz ta' ftehim li joħloq stabbiltà u benesseri;

21. Jinsab imħasseb bil-fatt li l-ftehimiet bilaterali bażiċi waslu fi tmiem il-validità tagħhom; josserva li l-mudell ibbażat fuq ftehimiet bilaterali minflok fuq ftehim qafas wiesa' huwa obsolet; jibqa' mħasseb bit-tmiem tal-applikazzjoni tal-ftehim dwar il-Ftehim dwar Rikonoxximent Reċiproku għall-Apparat Mediku, li jfisser li l-apparat mediku m'għadux rikonoxxut fis-settur regolat fl-UE;

22. Jilqa’ favorevolment id-deċiżjoni tal-Kunsill Federali Żvizzeru li jiddefinixxi l-approċċ tiegħu għan-negozjati u l-fatt li kkummissjona l-iżvilupp ta’ ċifri kruċjali għal mandat għal negozjati mal-UE sal-aħħar ta’ Ġunju 2023;

23. Jistenna li l-progress fit-taħditiet esplorattivi bejn il-Kummissjoni u l-Kunsill Federali Żvizzeru jkun intensifikat biex jinkisbu l-kjarifiki u l-garanziji meħtieġa għall-adozzjoni ta’ mandat għal negozjati; jistieden liż-żewġ naħat jaħtfu din l-opportunità biex jiddiskutu dwar il-possibbiltà ta’ pakkett ta’ negozjati ġdid u jilħqu ftehim qabel it-tmiem tal-mandat attwali tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Parlament Ewropew;

°

° °

24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà, kif ukoll lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Konfederazzjoni Żvizzera.